**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 711/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**Vs**

**Etienne Sperandeo**

**Illum 3 ta' Frar 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Etienne Sperandeo, iben William u Mary neè Vella, imwieled il-Pietà fit-18 ta' April 1981, residenti fil-fond 20A, "Le Bit", Flat 1, Triq Ponsonby, Mosta, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 195381(M), talli nhar it-3 ta' Ġunju 2021 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmula minnu fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ġiegħel annimali jsofru wġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żamm jew qabel li jżomm annimali mingħajr ma kien responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżgura li l-ħtiġijiet ta' l-annimal li huwa kien responsabbli għalih, jew li qabel li jieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali li jinkludu fost l-oħrajn l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimali jesprimu l-imġieba normali tagħhom, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa u protezzjoni minn uġiegħ, tbatija, korrimenti u mard u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(4) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi talli ġiegħel li jsir intervent kirurġiku għal raġunijiet ta' tibdil fl-apparenza ta' l-annimali u dan bi ksur ta' l-Artikolu 9 tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żamm biex jiġi mibjugħ, ġie offrut għall-bejgħ, inbiegħ jew inxtara annimal li kellu intervent kirurġiku li ma kienx bil-permess skond l-Artikolu 9 tal-Kap.439 u dan bi ksur ta' l-Artikolu 10(b) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna li l-imputat ikun projbit milli jkollu kelb jew milli japplika għal xi liċenzja oħra ta' kelb għal dak iż-żmien li jista' jiġi stabbilit Minnha u skond ir-Regolament 5(9) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.101;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "C" a fol. 3 sa' 5 tal-proċess, inkluż fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta[1];

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tiegħu u jerga' lura minnha

Rat ir-Rapport ta' l-Animal Welfare dwar dan il-każ esebit mill-Prosekuzzjoni bħala Dok. "D" a fol. 12 sa' 18 tal-proċess;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar it-3 ta' Ġunju 2021 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmula minnu fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) ġiegħel annimali jsofru wġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żamm jew qabel li jżomm annimali mingħajr ma kien responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżgura li l-ħtiġijiet ta' l-annimal li huwa kien responsabbli għalih, jew li qabel li jieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali li jinkludu fost l-oħrajn l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimali jesprimu l-imġieba normali tagħhom, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa u protezzjoni minn uġiegħ, tbatija, korrimenti u mard u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(4) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi talli ġiegħel li jsir intervent kirurġiku għal raġunijiet ta' tibdil fl-apparenza ta' l-annimali u dan bi ksur ta' l-Artikolu 9 tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żamm biex jiġi mibjugħ, ġie offrut għall-bejgħ, inbiegħ jew

[1] Dok. "C" a fol. 5 tal-proċess.

inxtara annimal li kellu intervent kirurġiku li ma kienx bil-permess skond l-Artikolu 9 tal-Kap.439 u dan bi ksur ta' l-Artikolu 10(b) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. In vista ta' tali ammissjoni, il-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u ħadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta[2].

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 8(2)(3)(4), 9, 10(b) u 45(1)(a) [dan ta' l-aħħar kif applikabbli qabel l-emendi introdotti bis-saħħa ta' l-Att XXXIX 2021] tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tiegħu stess qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' elfejn Euro (€2,000).

Ai termini ta' l-Artikolu 14(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-multa ta' €2,000 hawn imposta fuq l-imputat titħallas minnu fuq medda ta' tliet (3) snin dekoribbli skond kif provdut f'din is-sentenza u dana permezz ta'  sitta u tletin (36) pagament mensili konsekuttiv, bl-ewwel ħlas ikun dovut fil-21 ta' Frar 2022 u dana jkun għall-ammont ta' €55.75 u r-rimanenti ħlasijiet mensili konsekuttivi sal-ħlas intier ikunu dovuti fil-21 ġurnata ta' kull xhur konsekuttiv u jkunu għall-ammont ta' €55.55 il-wieħed. Kemm-il darba l-imputat jonqos milli jħallas imqar pagament mensili wieħed fid-data meta dan ikun dovut, l-ammont intier u/jew bilanċ dovut skond il-każ, isir minnufih dovut fl-intier tiegħu u ai termini ta' l-Artikolu 11 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta dana jiġi konvertit f'terminu ta' priġunerija bir-rata ta' ġurnata għal kull ħamsa u tletin euro (€35) jew parti minnhom.

Ai termini tar-Regolament 5(9) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.101 il-Qorti tordna li l-imputat jkun projbit milli japplika għal liċenza oħra ta' kelb għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 370(6) u ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti ta' dawn il-proċeduri flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

[2] Dok. "A" a fol. 3 tal-proċess.